# Minuti

**Seduta Nru. 11/2015**

**Data:** Il-Gimgħa 17 ta' April 2015

**Ħin:** 6.00pm

**Post:** Kunsill Lokali L-Imsida

---

**Preżenti:**
Matthew Mangion – *Chairperson*
Deborah Galea – *Viċi Chairperson*
Owen Patrick Attard – *Membru*

Marita Portelli – *Segretarju Eżekuttiv*

**Skużati:**
Emanuel Galea – *Membru*
Jimmy Zahra - *Membru*

---

## AĠENDA

1. Gieħ is-Swatar

## MINUTI:

**1. Talba**

271 Il-laqgħa bidet b'talba.

**2. Gieħ is-Swatar**

272 Saru l-amendi għar-regolamenti ta' Gieħ is-Swatar biex ikunu konformi ma' dawk li kien hemm f'attivitajjiet preċedenti u anke biex il-kriterji li fuqhom persuna tiġi magħżula jkunu ċari.

273 Sar qbil li n-nominazzjonijiet jifthu nhar it-Tnejn li ġej (20 ta' April) u jagħlqu It-Tnejn 4 ta' Mejju. Intqal li dawn għandhom jittieħdu fiċ-Ċentru Parrokkjali u li dawn jiġu aċċettati sas-7pm tal-ġurnata msemmija. Sar qbil li s-Sur Mangion ser jagħmel indirizz eletroniku giehswatar2015@gmail.com biex min jixtieq ikun jista jissottometti n-nomina bl-imejl.

274 Il-Membri tal-Kumitat qablu li l-Membri tal-Kumitat ta' l-Għażla ser ikunu Fr Robert, Is-Sindku ta' L-Imsida u s-Segretarju Eżekuttiv preċendi s-Sur

**Christopher Galea. Intqal li ser issir laqgħa fil-5 ta' Mejju biex tintgħażel il-persuna li ser tieħu dan il-Mertu.**

**275 Il-Kumitat qal li l-ispiża ta' dan l-avveniment m'għandux ikun aktar minn €500. Intqal li hem bżonn li jkun hemm: ċertifikat ta' tifkira, Tifkira lir-rebbieħ bl-engraving, Inviti (madwar 25 A6) u fotografu. Intqal li barra minn dawn jsir parti mill-ħlas ta' l-ikel għar-riċeviment u anke forsi xi spejjeż żgħar oħra.**

**276 Sar qbil li l-membri li ħadu dan il-Ġieħ fil-Passat jintbagħtilhom invit biex jattendu din l-attivita'. Dawn huma Fr Gordon, Dun Karm u s-Sur Victor Mifsud. Invit oħra jintbagħtu lill-Membri Parliamentari, s-Sindki u Kunsilliera, dawk nominati u l-familji tagħhom, min innomina, Membri tal-Kumitat.**

**277 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-19:18.**

**Matthew Mangion**
***Chairperson***

**Marita Portelli**
**Segretarju Eżekuttiv**

14/7/2015
**Data**